MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 96/2013

**Filippo Ciadamidaro**

**vs**

**AME Health and Safety Services Limited (C 44347)**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-attur ipprezenta rikors fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-ghaxra (10) ta' April 2013 fejn talab lil din Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas prevja kull dikjarazzjoni illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, is-somma ta' tmint elef, hames mija u disghin ewro u erbghin centezmu (€8,590.40) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' sebat elef, mitejn u tmenin ewro (€7,280) hlas dovut mill-intimata ghal servizzi maghmula u rezi a favur tal-istess intimata mir-rikorrenti fuq inkarigu taghha stess, u in kwantu ghall-ammont ta' elf, tliet mija u ghaxar ewro u erbghin centezmu (€1,310.40) ir-relattiva taxxa fuq il-valur mizjud, u li sa llum ghadhom mhux imhallsa minkejja li giet interpellata diversi drabi biex taghmel dan il-hlas; bl-ispejjez tal-prezenti, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 166A numru 1142/12 datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju 2012 (vide Dok A), bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali, ossija mit-tletin (30) ta' Mejju 2012, u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors b'riserva ghall-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv. Kollox kontra taghha, li minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Mario Camilleri noe li giet prezentata fis-26 ta' April 2013 fejn eccepixxa:

1. *"ILLI l-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront tas-socjeta' konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jezisti l-ebda ness guridiku bejn l-attur u s-socjeta' AME Health and Services Limited kif indikat fl-okkju u ghaldaqstant l-esponenti noe ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;*
2. *ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti ebda flus lill-attur;*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-esponenti fil-konfront tal-istess attur."*

Rat ir-rikors ta' l-attur kif prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Gunju 2013 (fol.11) fejn talab korrezzjoni fl-isem tas-socjeta' konvenuta u cioe' li l-isem hemm indikat bhala AME Health and Services Limited jigi kancellat u sostitwit bl-isem AME Health and Safety Services Limited.

Rat illi Mario Camilleri ghan-nom tas-socjeta' konvenuta pprezenta nota fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Lulju 2013 fejn irremetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti.

Il-Qorti rat id-digriet taghha tal-5 ta' Lulju 2013 (fol. 11) fejn laqghet it-talba ta' l-attur sabiex issir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li isem is-socjeta' konvenuta jinqara AME Health and Safety Services Limited u mhux AME Health and Services Limited kif indikat fir-rikors promotur u ghalhekk in vista ta' dan id-digriet il-mertu tal-ewwel eccezzjoni llum tinsab ezawrit u ghalhekk din il-Qorti ghandha biss tidhol u titratta t-tieni eccezzjoni fuq il-mertu u cioe' li skond is-socjeta' konvenuta l-ammont mitlub fir-rikors promotur mhux dovut.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-partijiet.

**Filippo Ciadamidaro** xehed bl-Ingliz fis-6 ta' Novembru 2013, liema xhieda giet tradotta ghal-lingwa Maltija mill-Qorti fejn iddikjara li huwa kien impjegat ma' AME Health and Safety Services Limited bhala ezekuttiv. Fil-fatt ir-relazzjoni tieghu kienet regolata b'kuntratt. Huwa esebixxa kopja ta' dan il-kuntratt li gie mmarkat bhala Dokument AME. Qal li huwa hadem mas-socjeta' konvenuta ghal perjodu ta' hames xhur u kienu qablu fuq il-paga bazika li kellu jircievi. Minbarra l-paga bazika huwa kien intitolat ghal somma flus *extra* peress illi kien ha jahdem ghal sieghat twal. Huwa filfatt kien thallas tal-paga bazika u ghal xi zmien kien thallas l-extras ukoll. Pero' f'daqqa wahda huwa ma rcieva l-ebda pagament iehor. Filfatt huwa ma thallasx skont iz-zewg invoices li esebixxa u li gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument AME1 u AME2 rispettivament. Konsegwentament is-socjeta' konvenuta ghandha taghtih is-somma ta' €8,590.40 li hija l-ammont mitlub fir-rikors promotur. Dan l-ammont jirraprezenta l-flus dovuti lilu u n-*notice* dovuta lilu skont il-kuntratt tal-impjieg esebit bhala Dok AME. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex huwa ma thallasx dan l-ammont wiegeb li ma jafx. Filfatt hemm skambju ta' emails minn naha tieghu fejn staqsa ghar-raguni biss ir-raguni ghad kellha tigi mgharrfa.

**Mario Camilleri** xehed fl-20 ta' Novembru 2013 fejn iddikjara li huwa d-direttur tas-socjeta' konvenuta u kien iltaqa' mal-attur fuq il-progett ta' Smart City u filfatt wara certu zmien u cioe' f'Mejju 2012, kienu ltaqghu sabiex jiddiskutu kwistjoni ta' Health and Safety f'Malta. Huwa kkonferma li kien offrielu biex jibda jahdem maghhom u filfatt kienu ftehmu li kien se jibda l-impjieg tieghu maghhom u dan skont il-kuntratt li gie esebit mill-istess attur. Skond dan il-kuntratt kienu ftehmu li l-attur kellu jithallas is-somma ta' €18,000 fis-sena bhala *gross salary*, jigifieri €1,500 fix-xahar. Oltre dan huwa kellu xi beneficcji bhal fuel u telefonati li jammontaw piu' o meno ghal €140 fix-xahar.

Ix-xhud spjega li x-xoghol tal-attur kellu jkun li jippromwovi s-servizzi tal-kumpanija u naturalment billi jgib klijenti godda u skont skeda tnejn ta' dan l-istess kuntratt huwa kellu jinghata persentagg skond l-ammont ta' progetti li jgib. L-attur kellu jissalvagwardja l-interessi tal-kumpanija. Ix-xhud stqarr li fl-ewwel xahar tal-impjieg tieghu maghhom huwa kien prezentalu invoice sabiex jithallas aktar minn dak dovut u cioe' xi elfejn u tlett mitt ewro. Pero' peress li kienet l-ewwel darba kien hallsu.

Ix-xhud tenna li skont il-kuntratt, proprju bullet number 8 intitolat "*confidentiality and conflict of interest*" l-attur kellu jkun konfidenti u jippromwovi l-interessi tal-kumpanija biss. Fejn hemm kuntratturi kbar, il-kumpanija tieghu hija wahda stabbilita u dawn il-kuntratturi bdew jikkuntattjawh u jghidulu li Filippo ma kienx qed jippromwovi l-kumpanija u kien qed imur jitkellem maghhom u jghidilhom li bhala Filippo fil-vesti tieghu personali kien jaghmel *project management* li naturalment tinkludi wkoll surveying u architecture, engineering , health and safety u affarijiet simili. Filfatt huwa kien qed jghidilhom li huwa kien lest li jaghmel *project management* li jinvolvi s-socjeta' tax-xhud fiha. Ix-xhud iddikjara li dan jirrifletti konflitt ta' interess u l-klijenti ghax jemmnu fis-servizz li dejjem taw huma, bdew jinfurmawhom li bis-servizz tal-attur huma kienu filfatt qed jitilfu r-reputazzjoni taghhom. Ghalhekk ix-xhud ma kellux alternattiva ohra salv li jibghat ghalih flimkien mal-kollega tax-xhud u jaghmel konflitt bejniethom. Filfatt Aldo Busuttil li huwa direttur iehor tal-kumpanija u x-xhud kienu ltaqghu mal-attur u qalulu li kien ikun ahjar li jieqfu mill-kuntratt. Naturalment l-attur ma riedx jiffirma l-ftehim li kien qed jittermina l-impjieg tieghu.

Ix-xhud iddikjara li huma ghandhom *operating procedures* fil-kumpanija taghhom. Huwa pprezenta *internal memo* li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument X dwar min ikun ghadu fil-kumpanija u min ma jkunx. Huwa esebixxa wkoll zewg kopji ohra X1 u X2 rigwardanti d-decizjonijiet li gew mehuda fil-konfront ta’ kollegi simili tieghu. Minkejja dan l-attur baqa’ jibghat *invoices* ezagerati sabiex jithallas. Ix-xhud stqarr li ghall-ewwel ppruvaw jaslu fi transazzjoni u ftehim izda ma waslux. In segwitu l-attur kien ipprezenta mandat ta’ sekwestru fil-konfront taghhom u kien innotifika diversi kumpaniji. Ix-xhud esebixxa kopja ta’ dan l-istess mandat ta’ sekwestru li l-Qorti mmarkat bhala Dok X3 u spjega li f’dan il-mandat ta’ sekwestru hemm numru ta’ sekwestranti li lanqas filfatt huma klijenti taghhom. Ix-xhud lest li jressaq dawn in-nies, il-kuntratturi rispettivi fejn qalulu dan id-diskors dwar l-attur. Huma filfatt ma hallsux lill-attur ghax jemmnu li l-*invoices* prezentati minnu m’humiex dovuti u kien ghalhekk li ma ghamlux il-hlas.

**Denise Xuereb** xehdet fl-4 ta’ Dicembru 2013 fejn iddikjarat illi tahdem bhala project manager ma’ AX Construction. Mistoqsija jekk tafx lill-attur Filippo Ciadamidaro wiegbet li tafu u li ltaqghat mieghu bhala rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, filfatt kien mar ghal diversi laqghat ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta. Hija spjegat li fil-passat kienet tahdem ukoll mas-socjeta’ konvenuta. Hija fil-fehma taghha, l-attur ma kienx qed imexxi l-laqghat sewwa u fl-interess tas-socjeta’ konvenuta u tiftakar li kienet cemplet lil wiehed mid-diretturi tas-socjeta’ konvenuta u qaltilhom li jekk l-attur kien ser ikompli jmexxi lis-socjeta’ konvenuta b’dan il-mod hija ma kinitx ser tkun aktar interessata li tibqa’ tahdem maghhom. Hija filfatt kienet talbet l-assistenza ta’ natura professjonali tas-socjeta’ konvenuta pero’ fil-fehma taghha l-attur kien qed jikkumplika l-affarijiet.

Ix-xhud stqarret li n-negozjati li kellha ma l-attur ghan-nom tas-socjeta' konvenuta kienu qabel Lulju 2011. Mistoqsija jekk kienx imur ghal-laqghat, wiegbet li effettivament l-attur kien imur ghal-laqghat pero' kien igib id-dinja fit-tarf meta kienu jitolbuh xi affarijiet. Fil-fehma taghha huwa kien jitlobha hafna affarijiet li hija ma kellhiex bzonnhom u cioe' hafna dokumentazzjoni li ma kienx ikollha bzonn. Effettivament l-attur ma baqax jahdem mas-socjeta' konvenuta u baqghu jahdmu u ghamlu x-xoghol kollu minghajr din id-dokumentazzjoni mitluba minnu. Mistoqsi jekk hi tkellmitx mal-attur dwar dawn l-ilmenti taghha hija tghid li llum il-gurnata hija ma tiftakarx. Pero' l-kuntratt taghha kien mas-socjeta' konvenuta u mhux mal-attur di propju. Hija ma tafx x'relazzjoni kien hemm bejn is-socjeta' konvenuta u l-attur.

**Aldo Busuttil** xehed fl-4 ta' Dicembru, 2013 fejn iddikjara li huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta' konvenuta. Huwa stqarr li fil-kumpanija qeghdin zewg diretturi, hu u l-kollega tieghu. Ix-xhud jiehu hsieb is-site operations waqt li l-kollega tieghu qieghed aktar fuq amministrazzjoni. Huwa jaf li l-kollega tieghu kien qallu li kienu ser jimpjegaw lill-attur fuq il-kwistjonijiet ta' Health and Safety u filfatt kienu mpjegawh u ghamlu ftehim. Ix-xhud tenna li f'xi Gunju kien ipprezentalhom xi invoice li kienet kemm kemm oltre mill-ftehim. F'Lulju u Awwissu l-attur kien ipprezenta xi invoices aktar minn dak l-ammont imbaghad ix-xhud minn naha taghhom kienu nfurmaw lill-impjegati taghhom li Filippo kien waqaf. Huma tkellmu mieghu pero' l-kollega tieghu Mario Camilleri huwa l-aktar fuq amministrazzjoni.

**Mario Camilleri** in raprezentanza tas-socjeta' konvenuta xehed nhar id-19 ta' Frar 2014 u spjega li l-kuntratt li huma kellhom mal-attur inkiser diversi drabi. Huwa esebixxa emails li jindikaw li fil-fatt l-attur beda' jaghmel uzu minn isem

il-kumpanija ghal skopijiet tieghu. Dawn iz-zewg emails gew esebiti u mmarkati mill-Qorti bhala Dokument JV.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-10 ta' April 2014 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illli f'din il-kawza l-attur qed jitlob lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' tmint elef, hames mija u disghin ewro u erbghin centezmu (€8,590.40) rapprezentanti din is-somma in kwantu ghal sebat elef, mitejn u tmenin ewro (€7,280) hlas dovut lilu ghas-servizzi rezi minnu lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess u l-bilanc ta' elf, tlett mija u ghaxar ewro u erbghin centezmu (€1,310.40) li hija t-taxxa relattiva fuq il-valur mizjud li sa llum ghadha ma thallsitx minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata minnu sabiex taghmel dan. Illi s-socjeta' konvenuta min naha taghha qed teccepixxi li fl-ewwel lok ma hemm l-ebda ness guridiku bejn is-socjeta' AME Health and Services Limited (C 44347) kif indikat fl-okkju u l-attur u fit-tieni lok li m'ghandha taghti xejn lill-attur.

Jidher mix-xhieda moghtija mill-attur nhar is-6 ta' Novembru 2013 li huwa kien iffirma kuntratt ta' impjieg mas-socjeta' AME Health and Safety Services Limited fil-kapacita' tieghu ta' *executive* u dan nhar it-3 ta' Mejju 2011 skond il-kopja esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok. AME (fol. 22). Jidher minn ezami ta' dan il-kuntratt fuq naha wahda hemm l-attur maghruf bhala '*executive*' fil-

kuntratt u min naha l-ohra deher Mario Camilleri ghan-nom tas-socjeta' konvenuta AME Health and Safety Services Limited.

Illi ma hemmx dubbju ghalhekk li r-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti hija regolata b'dan il-kuntratt.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et"** (Cit. Nru: 3535/96/RCP) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002 inghad li:-

*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda".* (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi tkompli tghid din is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell hawn appena citata li:-

*"Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu"* (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi inoltre gie deciz illi "*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza **"Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000; **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. (RCP) 30 t'Ottubru 2001).

Fis-sentenza fl-isimijiet **'Salvu Fenech vs Malta Dairy Products Limited'** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru 2003 gie ritenut li:-

"*Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejneithom ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f'dak il-ftehim klawzoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawzoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawzoli principali (Appell 31.5.1943* ***Farrugia vs Piscopo***)"

Il-principju *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non ferritur* jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza li hemm zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi fatt ghal xi raguni specjali. F'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita ghandhom ikunu supremi (Appell 15/12/1947 **Mercieca vs Pace** Vol XX111 .1.pagna 603).

Illi l-attur jghid li dam jahdem mas-socjeta' konvenuta ghal perjodu ta' circa hames xhur u jghid li huwa kellu paga bazika li kellu jircievi ghas-servizz li kien jaghti pero' peress li kien jahdem hinijiet twal kien jithallas xi hlasijiet ohra. Fil-fatt jghid li f'daqqa u l-hin ma thallasx aktar u in effetti jghid li ma thallasx ghal zewg invoices li huma mmarkati bhala Dok AME 1 u AME 2 rispettivament. Issa skond il-paragrafu ntitolat '*remuneration*' klawsola 5.1 hemm indikat li "*During his employment (b'referenza ghall-impieg tal-attur) the company shall pay the executive a gross salary of €18,000 per year which shall accrue day-to-day and be payable monthly in arrears with effect from the 3rd May 2011*". Illi ghalhekk dwar il-paga bazika tieghu ma jidhirx li jista' jkun hemm xi kontestazzjoni fid-dawl ta' din l-istess klawsola.

L-avukat difensur tal-attur jistieden lill-Qorti sabiex tezamina l-emails esebiti dwar il-ftehim sussegwenti li kien hemm bejn l-partijiet dwar zieda fil-paga minima tieghu. Il-Qorti ghamlet appuntu hekk u ma waslet ghall-ebda rizultat pozittiv dwar awment fil-paga minima li l-attur qed jghid li huwa ntitolat ghaliha. Fil-fatt il-Qorti taghmel referenza ghal email datata 18 ta' Jannar 2012 (fol. 57) mibghuta minn Aldo Busuttil ghan-nom tas-socjeta' konvenuta lill-attur fejn dan jghidlu sabiex l-attur jibghatlu zewg invoices wiehed ghall-paga kif '*indicated on the agreement'* b'hekk ghas-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) fix-xahar u ohra ghas-sighat extra li l-attur qed jghid li hadem.

Minn ezami tal-atti processwali ma jirrizultax li effettivament l-attur ghamel dan u ghalhekk l-ammont bhala valur li l-attur huwa ntitolat bhal paga bazika hija dik skond il-kuntratt waqt li ghal hlas zejjed, peress li ma jirrizultax is-

sieghat zejda li hadem u r-rata ghall-hlas taghhom, din il-Qorti ma tistax takkolji tahdem tali ammont.

Dwar il-bonus li qed jippretendi l-attur il-klawsola numru 5.1.2 hemm indikat li *"the bonuses, set out in schedule II to this Agreement and such other bonuses as the Company may deem appropriate at its absolute discretion, having regard to the Company's and the Executive's own performance in respect of each financial year of the Company".* Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li l-kwistjoni ta' bonus hija xi haga diskrezzjonali li trid tigi deciza unilateralment mis-socjeta' konvenuta u li l-attur mhux intitolat ghaliha bi dritt kif donnu jippretendi hu. Issa skond l-ischedule li jidher li l-bonus li huwa ntitolat ghalih l-attur huwa dak f' forma ta' kummissjoni fuq il-profitt li jemanixxi minn xi progett jew servizz li l-istess attur iwassal lejn is-socjeta' konvenuta.

Jidher li l-attur qed jippretendi ukoll xi benefits kif indikati fil-klawsola numru 5.1.3 taht il-paragrafu hamsa fejn hemm indikat li *the executive shall be entitled to "the benefits set out in sechedule III to this Agreement*". Skond din l-iskeda ghalhekk l-attur huwa wkoll intitolat ghal 'benefit entitlement' ta' sittin ewro fix-xahar ghall-uzu mobile, petrol allowance ta' tmenin ewro (€80) fix-xahar u li jkollu *employers liability insurance*. Illi ghalhekk l-attur ghandu wkoll id-dritt li jikkjama dawn l-allowances fit-talba tieghu ghal xahrejn li ma thallasx. Dawn il-beneficcji moghtija mis-socjeta' konvenuta lill-attur ma humiex marbuta ma' xi performance izda huma dovuti f'kull kaz u mensilment.

L-attur qed jippretendi wkoll li jithallas xi notice money pero' minn ezami tal-kuntratt esebit u appuntu a fol. 27 klawsola numru 14.3 taht il-paragrafu intitolat "Notices" jinghad li:

*"Any notice to be given by a party under this agreement must be in writing and must be given by delivery at or by sending by post or facsimile transmission to the last known postal address or relevant facsimile number of the other party. Where notice is given by sending in a prescribed manner it shall be deemed to have been received when in the ordinary course of the means of transmission it would be received by the addressee. To prove the giving of a notice it shall be sufficient to show it was dispatched. A notice shall have effect from the sooner of its actual or deemed receipt by the addressee."*

Fil-kaz in ezami ma jidhirx li xi parti ghal dan il-ftehim fil-fatt kien baghat xi notice izda jirrizulta li l-attur ma kompliex bl-impieg tieghu minhabba li huwa ma kienx ircieva l-hlas ghax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2011. Illi ghalhekk zgur li n-notice ma hux dovut.

Is-socjeta' konvenuta ma tichadx li effettivament l-attur hadem ix-xhur ta' Ottubru u Novembru 2011 u li hija ma halsitux tax-xoghol. Tghid li ma qablitx mal-invoice li giet mibghuta lilha mill-attur pero' d'altronde lanqas ma tghid li hallsitu dak dovut lilu skond il-kuntratt ta' impjieg tieghu. Illi tghid li ma hallsitx lill-attur ghaliex huwa kiser il-kuntratt u dan qed tghidu b'mod arbitrarju ghaliex fil-fehma taghha l-attur kiser il-*confidentiality clause* billi qalet li l-attur ma kienx qed jahdem fl-interess taghha izda fl-interess tieghu. Fil-fatt is-socjeta' konvenuta ressqet lil Denise Xuereb tghid li hija kellha xi diffikulta' mal-attur meta kien mar jirrapprezenta s-socjeta' konvenuta u ma kinitx kuntenta tahdem mieghu ghaliex il-ftehim li kellha kien mas-socjeta' konvenuta direttament. Dwar dan din il-Qorti tifhimha li seta' kien il-kaz li ma riditx tikkomunika mal-attur pero' dan ma jfissirx li l-attur ma kienx qed

jahdem ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Tghid li l-attur kien difficli fis-sens li beda jitlob hafna dokumentazzjoni, dan pero' ma jfissirx su due piedi li dak li talab kien hazin ghalkemm din Xuereb setghet ma qablitx mieghu. Illi s-socjeta' konvenuta ma pprezentat l-ebda kawza ghar-rexissjoni tal-kuntratt u ghalhekk f'ghajnejn din il-Qorti l-kuntratt kien u ghadu validu u jibqa' jorbot iz-zewg partijiet fil-konfront tal-obbligi taghhom fil-konfront ta' xulxin.

Illi l-invoices li gew esebiti mill-attur ma gewx kontestati per se u b'hekk il-Qorti trid tfisser li s-socjeta' konvenuta fl-ebda stadju ma resqet xi prova sabiex tindika fejn hemm zball fit-talba ta' l-attur jew addirittura ghaliex is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex thallas lill-attur dak mitlub minnu.

Illi ghalhekk din il-Qorti qieghda tillikwida l-ammont dovut lill-attur mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) bhala paga ta' xahrejn Ottubru u Novembru 2011 skond it-termini tal-kuntratt (u cioe' €1,500 fix-xahar sabiex f'sena jaqla' €18,000). Il-Qorti tinnota li l-attur ma pprezenta l-ebda ricevuta dwar hlas li seta' ghamel in konnessjoni mal-uzu tat telefonija pero' skond il-kuntratt ma hemm l-ebda obbligu li jaghmel dan. Huwa l-obbligu tas-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur is-somma ta' sittin ewro (€60) fix-xahar ghall-uzu ta' telefonija bhala beneficcju u ghalhekk f'dan il-kaz qed tillikwida dan il-beficcju fl-ammont ta' mija u ghoxrin ewro (€120) ghal perjodu ta' xahrejn Ottubru u Novembru 2011. Illi ghalhekk b'kollox din il-Qorti tikkonkludi li in effetti l-attur huwa intitolat ghas-somma ta' tlett elef ewro rapprezentanti l-paga bazika tieghu ghax-xhur ta' Ottubru u Novembru 2011 u s-somma ta' mija u ghoxrin ewro (€120) bhala beneficcju ghall-uzu tat-telefonija ghall-istess perjodu – b'kollox is-somma ta' tlett elef mija u ghoxrin ewro (€3,120).

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kovenuta, qieghda tilqa' t-talba tal-attur f'ammont ridott b'dan illi qed tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ridotta ta' tlett elef, mija u ghoxrin ewro (€3,120).**

**L-ispejjez huma kollha a karigu tas-socjeta' konvenuta inkluz dawk tal-ittra ufficjali 166A numru 1142/12 datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju 2012 (vide Dok. A), u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali, ossija mit-tletin (30) ta' Mejju 2012.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------